MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 226/1999/1

**Polidano Brothers Limited**

**vs**

1) **J.P. Baldacchino & Co Limited bhala agenti lokali ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Lamines Marchands Europeens u**
2) **The Cargo Handling Co. Ltd u**
3) **Valletta Freight Services Limited.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici datata 2 ta’ Frar 1999 ipprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, fejn esponiet: -

Illi s-socjeta` attrici importat minghand is-socjeta` estera Lamines Marchands Europeens kif rapprezentata hawn Malta mis-socjeta` konvenuta J.P. Baldacchino and Co.Ltd merkanzija ta' hadid u cioe` '120 bundle merchant bar'.

Illi din il-merkanzija giet ittrasportata lejn Malta permezz tal-Vapur LIPA 143VIS li hu operat u/jew li taghha huma armaturi u/jew propjetarji tas-socjeta` konvenuta Valletta Freight Services Limited kif jirrizulta mill-polza tal-karigu relattiva.

Illi l-merkanzija waslet Malta fit-23 ta' Ottubru 1998 u l-istess merkanzija nhattet u tqeghdet fil-kura u/jew kustodja u/jew pussess tas-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd.

Illi meta giet irtirata l-merkanzija irrizulta illi dawn il-Bundle Bars kienu mherrija (corroded) u msadda u minghajr utilita` ghas-socjeta` attrici u bhala rizultat is-socjeta` attrici sofriet danni.

Illi ghal dawn id-difetti u hsarat u l-konsegwenzjali danni huma responsabbli l-konvenuti *nomine* minhabba negligenza u jew inadempjenza taghhom kif ukoll minhabba li ma pprovdewx il-materjal u s-servizz pattwit.

Illi interpellati biex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni l-konvenuti *noe* baqghu inadempjenti.

Jghidu ghalhekk il-kovenuti noe ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

1. Tiddikjara lil konvenuti *noe* jew minn minnhom responsabbli ghall-hsarat u danni sofferti mis-sojeta` attrici.

2. Tillikwida d-danni hekk sofferti mis-socjeta` attrici.

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom biex ihallsu lill-attur *nomine* l-ammont hekk likwidat bhala dovut *in linea* ta' danni.

Bl-ispejjez u bl-interessi kontra l-konvenuti *noe* li min issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tat-13 ta’ Ottubru 1999.

**Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Valletta Freight Services Limited datata 5 ta’ Awwissu (fol 9) fejn esponiet**: -

1. Illi, *in linea* preliminari, is-socjeta` Valletta Freight Services Limited la hi operatur, armatrici jew proprjetarja tal-vapur LIPA, kif allegat erronjament fil-premessi tac-citazzjoni, u ghalhekk ghandha tigi liberata

mill-osservanza tal-gudizzju ghax mhux il-legittima kontradittrici f'din il-kawza.

2. Illi suburdinatament u fil-mertu, mill-*Bill of Lading* mahrug mis-socjeta` ohra li hargitu, jidher li din hargitu iffirmat "FOR THE MASTER" u l-klawsola 25 tal-istess *Bill of Lading* tghid li meta l-vapur mhux proprjeta' tac-*charterer* jew *demise charterer*, hija s-socjeta` proprjetarja tal-vapur li tkun responsabbli ghal danni.

3. Illi *inoltre* fuq il-*face* tal-*Bill of Lading* hemm inkluzi l-klawsoli protettivi li jghidu: *"Loose and/or unprotected cargo at shipper's risk"* u *"Cargo located on deck at shipper's risk".*

4. Illi f' kull kaz irid jigi pruvat li l-*corrosion* grat fuq il-vapur u mhux fuq il-mollijiet ta' Antwerp u Malta, u dan *stante* li l-merkanzija ma kinetx mghottija jew protetta b' ebda mod. Skont it-*tally sheet* ma hemm ebda rimarka dwar danni u ghalhekk il-merkanzija giet skarikata f' kundizzjoni tajba minn abbord.

5. Ghalhekk is-socjeta` konvenuta mhix responsabbli ghad-danni taht l-ebda aspett u t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi bil-ligi.

**Rat in-nota l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited datata 18 ta' Awwissu 1999 a fol 12 tal-process fejn esponiet: -**

1. IIli preliminarjament, ghandu jigi ppruvat li n-nuqqasijiet dedotti fic-citazzjoni attrici sehhew waqt illi l-merkanzija mertu tal-vertenza odjerna kienet fil-kustodja u taht il-kontroll assolut u s-supervizjoni tas-socjeta` konvenuta u li l-istess merkanzija giet ikkonsennjata lis-socjeta` konvenuta ezenti mill-istess nuqqasijiet.

2. Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta` konvenuta mhijiex responsabbli ghall-hsarat u n-nuqqasijiet dedotti fic-citazzjoni attrici *stante* li hija qdiet l-obbligi kollha imposti fuqha mil-ligi.

3. Illi ghaldaqstant, *in vista* tal-premess, it-talbiet attrici, il-kwantu diretti kontra s-socjeta` konvenuta huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra is-socjeta` attrici.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

**Rat in-nota ta' eccezzjonijiet JP Baldacchino & Co Limited *nomine* datata 1 ta' Frar 2000 a fol 16 tal-process fejn espona: -**

1. Illi l-'bill of lading' hu 'clean' u konsegwentament r-responsabbilta' ta' l-eccipjent tispicca meta tghabbiet l-merkanzija u giet allura konsenjata f'kondizzjoni tajba; jizdied jinghad ukoll illi l-eccipjent ma kienx ix-'shipper' tal-merkanzija, kif indikat fuq il-'bill of lading';

2. Illi mhux minnu li nghatat xi direttiva mill-eccipjent li l-materjal jigi stivat fuq il-gverta - 'on deck';

3. Illi konsegwentement l-eccipjent mhux responsabbli ghad-danni pretizi.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta' sottomissjonijet tas-socjeta` attrici datata 25 ta' Lulju 2005 a fol 311 *et seq* tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijet tas-socjeta` JP Baldacchino & Co Limited *nomine* datata 29 ta' Settembru 2005 a fol 316 *et seq* tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Ottubru 2005 mizmuma Quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn deher biss Joseph Baldacchino ghall-kumpanija konvenuta assistit minn Dr. Patrick J Galea. Il-kumpanija attrici u l-Avukati tal-partijiet l-ohrajn imsejhin tliet darbiet ma dehrux. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Frar 2006 fin-nuqqas ta' xkiel; u l-verbali tas-seduti l-ohra kollha nkluz dak tat-12 ta' Dicembru 2012 fejn b' ordni tal-istess Qorti kif diversament presjeduta l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' April 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn fl-ahhar seduta tas-27 ta' Marzu 2014, peress li l-Qorti kellha bzonn iktar zmien biex tirredigi s-sentenza minhabba impenji

ta’ xoghol, il-kawza giet differita ghas-26 ta’ Gunju 2014 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija kawza maghmula mis-socjeta` attrici sabiex tirreklama danni sofferti f'merkanzija tal-hadid, ossia konsenja ta' *120 bundle merchant bar,* li jiznu cirka tliet mitt tunnellata (300) u li kienu mqassma f’sittin qies differenti. Is-socjeta` attrici importat din il-merkanzija mis-socjeta` estera *Lamines Marchands Europeens* (LME) u giet trasportata ghall-Malta minn Antwerp, fuq il-vapur LIPA 143VIS, fejn waslet fit-23 ta' Ottubru 1998. Is-socjeta` attrici tallega li rrizulta li l-merkanzija kienet mherrija (*corroded)* u msadda u ghalhekk qed titlob li l-konvenuti jew min minnhom, jigu dikjarati responsabbli ghad-danni, kif ukoll li l-istess danni jigu likwidati u r-responsabbli jigi kkundannat ghall-hlas.

Is-socjeta` *Valletta Freight Services Limited* opponiet ghat-talba billi sostniet li mhix la l-operatur u l-anqas l-armatur jew proprjetarja tal-vapur LIPA u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju; li l-polza ta' karigu inharget "*For the Master* " u skont il-klawsola 25 tal-istess, huwa l-proprjetarju li ghandu jkun ir-responsabbli ghad-danni; *inoltre* s-socjeta` intimata iccitat il-kondizzjonijiet li jinsabu fuq il-wicc tal-polza senjatament; “*Loose and/or unprotected cargo at shipper's risk*" u "*Cargo located on deck at shipper's risk";* kif ukoll li t-*tally sheet* ma wera l-ebda hsara fil-merkanzija meta giet skarikata.

Is-socjeta` *The Cargo Handling Company Limited* ukoll cahdet ir-responsabbilta' ghad-danni filwaqt li s-socjeta` JP Baldacchino Limited eccepiet li l-polza hija *clean bill of lading* u li r-responsabbilta' taghha spiccat meta tghabbiet il-merkanzija fuq il-vapur. Tghid ukoll li hi mhix ix-*shipper* tal-merkanzija u li ma tatx direttiva li l-materjal jigi stivat fuq il-gverta - *on deck.*

Illi fil-fatt jirrizulta li l-merkanzija ossia l-*bundles* tghabbew f'Antwerp fit-13 ta' Ottubru 1998 u waslu Malta fit-23 ta' Ottubru 1998 bil-vapur bl-isem *LIPA,* li ghandha bhala agent f' Malta lil Valletta Freight Services Limited u qed jigi allegat li meta l-importatur mar jiehu konsenja tal-merkanzija, huwa sabha bil-hsara ghax kienet msadda (*corroded)* u mhux ta' kwalita' tajba. It-*tally sheets* ma fihomx rimarki filwaqt li l-*gate pass out* bin-numru 64457 jindika li *"bundles left laboratory wharf partly rusted".* Ukoll filwaqt li l-polza ta' kariku hija *clean bill of lading,* il-*mate's receipt* tindika l-kelma "*rusty"* li mbaghad giet korretta ghal "*partly rusty stained"* mill-Kaptan.

**Dokumenti Esebiti**

Gew esebiti s-segwenti dokumenti rilevanti ghall-kaz fl-atti:

- Polza ta' Kariku **DOK CPA** esebit a fol. 28 tal-process.
- *Condition Report* maghmul mill-Elmo Insurance Services Limited fuq inkarigu privat mill-attur (Fol. 102-121).
- Dok **MT 1 u Dok MT 2** a fol. 126 u 127 tal-process ma ghandhom x'jaqsmu xejn mal-merkanzija mertu tal-kawza odjerna, u cioe` 120 *'bundle merchant bars'*. Dana peress li l-merkanzija f'dawn id-

dokumenti tikkoncerna: 17 BUNDLES + 19 PIECES WIDE FLANGE BEAMS.

- Il-*Letter of Indemnity* tinsab ezebita a fol. 197 tal-process.
- Il-*Mate's Receipt* **(Dok FCG)** tinsab ezebita a fol. 255 tal-process fejn hemm indikat id-deskrizzjoni *'rusty'.*
- *Fax* mibghuta mill-*master* fl-14 ta' Ottubru 1998 hemm indikat illi: *"remarks....corrected to 'partly rust stained'.*

**<u>Xhieda Rilevanti</u>**

**Charles Polidano**, Direttur tas-socjeta` Polidano Brothers Limited, xehed li l-kumpanija tieghu kienet taghmel uzu mis-servizzi tal-kumpanija J.P Baldacchino sabiex jimportaw vireg tal-hadid, li hija agent ta' diversi kumpaniji barranin, fosthom il-kumpanija *Lamines Marchands Europeens.*

Ghal habta ta' Lulju/Awwissu 1998 il-kumpanija tieghu inkarigat lis-socjeta` J.P. Baldacchino biex igibu l-hadid konsistenti f'*120 bundle merchant bars'.* L-arrangamenti kollha sabiex il-hadid jitwassal lilhom minn Antwerp kienu kompletament f'idejn J.P. Baldacchino Limited, kif ukoll l-arrangament tal-vapur ghal-garr tal-hadid.

Skont il-*Bill of Lading* **(vide Dok CPA)** il-*bundles* tghabbew f' Antwerp fit-13 ta' Ottubru 1998 u waslu Malta fit-23 ta' Ottubru 1998. Il-konsenja waslet Malta bil-vapur bl-isem *LIPA,* li ghandha bhala agent f' Malta lil Valletta Freight Services Limited.

Malli raw il-konsenja tal-hadid, mill-ewwel indunaw li kienet imsadda u mhux ta’ kwalita’ tajba. Tant li ma kienx tajjeb ghal-bejgh u ma setax jintuza ghall-iskopijiet li ghalih kien ordnat.

Ix-xhud qal ukoll li kien inkariga lil Elmo Insurance Services Limited ghal-wasla tal-konsenja, li min-naha taghhom ipprezentaw rapport **(Dok CP 20 u Dok CP 21).**

**L-Ing. Kenneth Abela,** Metallurgista, xehed li gie mqabbad fil-kawza odjerna minn Elmo Insurance Services biex jaghmel rapport (esebit a fol 108) fuq bicciet ta’ metall li kellhom f’idejhom, biex jigi vverifikat is-sadid li kien hemm, jekk kienx sadid antik jew gdid.

Fl-opinjoni personali tieghu, *“s-sadid kien ilu ffurmat...kien ilu daqsxejn zmien qabel ma l-hadid kien gie ixxippjat kien diga’ f’dik il-kondizzjoni......ma kellix dubju li dak kien hadid li kien ilu msaddad, mhux gie msaddad fi ftit granet jew  ftit gimghat fuq il-vapur....allura fl-opinjoni tieghi l-hadid kien gie ixxippjat f’dik il-kondizzjoni diga’. ”*

***"......Conclusions***

a. *The steel bars as submitted did not have the oil protection normally applied to such shipped products.*

b. *A visual examination shows that in our opinion, the rusting is too extensive to have been formed during the previous few days, during shipment.*

c. *Saline content analysis reports heavy saline content of the rust.*

d. *Microscopic examination reveals general corrosion and a few deep corrosion areas. If corrosion is primarily due to sea water, this is normally accompanied by areas of localized deep pitting on the steel surface.*

e. *A UK laboratory, asked to assist, reports a confirmation of the great difficulty in performing tests to reach the required conclusions, and that they cannot be of much assistance....”*

Dan kollu gie kkorroborat minn **Jeffrey Scorey**, Deputy Manager ma’ Elmo Insurance, responsabbli ghall-*cargo* ddikjara li gie mqabbad minn Polidano Brothers sabiex ihejji *“Condition Report”* b’mod indipendenti.

In referenza ghal dan l-imsemmi rapport, fl-ittra li tinsab ezebita a fol. 102 tal-process jghid li *“...the rusting could not have reasonably occurred during the transit time in question”*....

*From the tests conducted....it can be agreed that the extent of rusting does not fit in with the duration of the transit. In addition no sign of the usual oil protection was visible. This omission would have added to the deterioration of the product.*

*In view of the above redress against the mill / J.P. Baldacchino or their insurers should be sought for compensation of damages sustained.”*

**Boris Farrugia,** l-*financial controller* ta' Polidano Group of Companies, xehed li l-hadid importat minghand J.P. Baldacchino jerga' jinbiegh fis-suq lokali bil-qligh ta' 30 % jew jintuza fi progetti li fih tkun involuta l-istess kumpanija attrici, per ezempju biex isiru galleriji u aperturi.

**Mario Tellus,** *Operations Manager* ta' Valletta Freight Services, li huma l-operaturi tal-vapur LIPA, xehed illi l-merkanzija kienet giet mghobbija fuq il-*weather deck* tal-vapur u fil-garaxx tal-vapur, kif isir is-soltu. Il-merkanzija in kwistjoni lanqas qatt ma kienet esposta fuq il-vapur ghaliex kienet moghobbija fuq *trailer* fil-garaxx maghluq. Kienet mghottija bil-plastik imdawwar maghha, hadd ma seta' jinduna bil-hsara peress li ma kienx vizibbli. Fil-fatt fit-*tally sheets* ma hemm xejn indikat bhala hsara.

Esebixxa l-*mates receipt,* fejn hemm imnizzel li x-xoghol kien imxarrab qabel ma tghabba fuq il-vapur (**Dok MT 1**[1]). Dan isir mic-*Chief Officer* tal-vapur meta l-merkanzija titghabba fil-*port of loading.*

Wara ghamlu kuntatt ma' barra minn Malta u tawhom *Indemnity form* fejn is-socjeta` eccipjenti giet ezonorata mid-danni **(Dok MT 2**).

Xehed li s-socjeta` Valletta Freight Services Ltd., huma biss agenti hawn Malta tas-socjeta` Valfraucht RoRo Line Ltd. Il-bqija m'huma involuti f'xejn iktar, la huma armaturi tal-vapur LIPA, la huma armaturi ta' *charterer* tal-vapur u lanqas ma huma assolutament involuti fil-*bill-of lading.*

---

[1] Esebit a fol. 126 tal-process.

Qal li l-"*bill of lading",* (li tinsab ezebita a fol. 19 tal-process) hija ffirmata minn Herfurth & Co., li huma agenti tal-Kaptan (*for the master)* gewwa Antwerp. Spjega li fil-fatt hemm specifikatament indikat *"as agents for the carrier".*

Gibed l-attenzjoni ghall-fatt ukoll li fil-faccata tal-*bill of lading* hemm testwalment miktub li l-merkanzija kienet stivata fuq il-*'weather deck'* u dan *'at shipper's risk'* bl-ispejjez b'kollox. Il-kliem ezatt kienu *"loose unprotected cargo at shipper's risk and expense",* kif ukoll *"loaded on deck at shipper's risk."*

**Peter Bonello** ghas-socjeta` *The Cargo Handling Company Limited,* xehed illi l-*gate pass out* bin-numru 64457 jindika li *"bundles left laboratory wharf partly rusted". Gate Pass Out u Tally Sheet* esebiti bhala Dok PV1 u PV2.[2]

**Anthony Baldacchino** ghas-socjeta` J.P. Baldacchino & Company Limited, iddikjara huma r-rapprezentanti tal-*manufacturers.*

Xehed li kuntrarjament ghal dak li ga xehdu, il-merkanzija in kwistjoni tghabbiet fuq il-gverta u cioe` *open deck* u *'at owners risk'* minghajr ebda protezzjoni. Il-hadid kien espost tul il-vjagg kollu ghall-mewg tal-bahar, bir-rimarka *"at shippers risk",* liema frazi dahhal il-Kaptan tal-vapur minghajr ebda awtorizazzjoni.

Sussegwentement, xehed permezz ta' affidavit u qal li ilu jahdem il-hadid ghal dawn l-ahhar hamsa u tletin sena. Spjega li l-ordni saret mas-

[2] Ara wkoll DOk **MT2** a fol 202 -206 tal-process.

socjeta` taghhom bhala rapprezentanti tal-grupp L.M.E (Lamines Marchands Europeens) fl-10 ta' Lulju 1998.

Iddikjara li mhux possibbli li l-hadid telaq minn ghand il-produtturi fl-istess kondizzjoni li wasal Malta. Hadid b'difetti ma jithalliex johrog ghall-bejgh, lanqas bhala *seconds.*

Mill-esperjenza twila tieghu qal li hadid li johrog mir-*rolling mill* ma jkun fih l-ebda forma ta' protezzjoni.

Xehed li meta jkun hemm merkanzija mghobbija fuq il-gverta (*deck*) *"at shippers' risk",* biex jigu evitati problemi, il-*Mate* tal-vapur jitlob minn qabel dikjarazzjoni ffirmata mix-*shipper* u cioe` *"indemnity form",* fejn il-Kaptan ma jibqax iktar responsabbli fl-eventwalita' ta' xi hsara. Huma bhala x-*shippers* ma gew mitluba jiffirmaw l-ebda *"indemnity form"* ghal dan ir-riskju.

Qal li d-dokument li gie ezebit mis-Sur Tellus (numru ANRVAT10) tkopri konsenja ta' travi min-ghand is-socjeta` Arbed ta' Luxembourg u mhux minghand is-socjeta` LME ta' Franza. Ghalhekk, il-materjal li qed jaghmel referenza ghalih is-Sur Tellus m'ghandu x'jaqsam xejn mal-konsenja ta' *merchant bars* ta' Polidano.

Xehed li l-*"masters receipt"* li dwarha xehed rapprezentant ta' Valletta Freight, li turi li x-xoghol kien imxarrab qabel ma tghabba, ghal darb'ohra, ma tapplikax ghall-merkanzija mertu tal-kawza odjerna, izda tirreferi ghal konsenja ohra li ggib il-*bill of lading number* ANRVAT10. Din ma taqbilx mal-*masters' receipt* li rcevew minn L.M.E. (Dok 5) li

ghandhom in-numri VAT01B/ VAT020-B-C/ VAT05/ VAT07/ VAT10 u fuqhom tnizzel il-kliem *"partly rust stained",* li hi kundizzjoni normali ghal dan it-tip ta' hadid.

Ikkonkluda jghid li mill-esperjenza tieghu f'dan ix-xoghol, il-hsara kollha grat minhabba l-fatt li tul il-vjagg ta' jiem shah, il-konsenja kienet kollha mifruxa fuq il-gverta, bla ebda protezzjoni u kienet il-hin kollu mahsula bl-ilma bahar. Specifika li:

*"is-sodium chloride fl-ilma bahar jagixxi fuq il-hadid malajr hafna, specjalment meta jkun marbut f'mazzi u l-ilma jidhol u jinqabad bejn il-hadid."*

In **kontro-ezami** ddikjara li l-merkanzija hu kien raha ftit granet wara li waslet Malta.

Qal ukoll li l-merkanzija kienet bejn wiehed u iehor kif tidher fuq ir-ritratti li jinsabu ezebiti a fol. 105 sa 107 tal-process.

Xehed li peress li l-kumpanija rapprezentata minnu ghandha *"clean bill of lading"* allura jista' jghid li l-merkanzija ma telqitx f'kundizzjoni hazina mill-*Mill*.

Spjega li l-kumpanija rapprezentata minnu ma kellha x'taqsam xejn mal-garr ta' l-istess merkanzija.

Ma jaqbel xejn mar-rapporti li saru mis-*surveyors* rigward il-merkanzija in kwistjoni. Is-Sur Scorey ma ltaqa' mieghu qatt, minkejja l-konsenji kollha ta' merkanzija li jkollu. Il-persuna l-ohra hija ggradwata fil-metallurgija u l-*welding* u allura mhux fil-manigg tal-hadid. Lanqas ma jaqbel mal-konkluzjonijiet li ghalihom wasal l-Inginier Kenneth Abela fir-rapport tieghu.

Qal li parti mill-hadid li jifforma parti mill-merkanzija mertu tal-kawza odjerna kellu stat qawwi ta' ossidazzjoni. Qal li ma ra l-ebda "*pitting",* li spjega huwa fenomenu li fil-hadid jirrizulta wara medda ta' zmien, u cioe` wara xi sitt xhur. Hadd ma jghatti l-hadid bi griz u din hija prattika universali.

L-ordni tal-merkanzija in kwistjoni mill-kumpanija attrici saret fl-10 ta' Lulju 1998, ikkonfermata fl-24 ta' Lulju 1998 u l-ordni giet esegwita fl-14 ta' Settembru 1998. Il-konsenja giet mghobbija fuq il-vapur fit-13 ta' Ottubru 1998.

Il-'*mates receipt'* li tinsab ezebita f'pagna 126 tal-process ma kenitx tirreferi ghal merkanzija in kwistjoni, imma ghal merkanzija ohra (cioe` travi – *flange beams*) li pero' kienet ukoll abbord. Jigifieri m'ghandha x'taqsam xejn mal-merkanzija mertu tal-kawza odjerna. Dan johrog ukoll mill-'*bill of lading'* u cioe` l-polza ta' karigu, li tirrigwarda kemm il-konsenja ta' travi, kif ukoll il-konsenja tal-merkanzija mertu tal-kawza odjerna u cioe` *'merchant bars'*.

**<u>Daniel Bury</u>**, *financial controller* ta' L.M.E. (Lamines Marchands Europeens) xehed permezz ta' affidavit li l-merkanzija *"were sold Fob Antwerp for shipment to Malta....*

*"....On instructions from our Company, the material 'Polidano's order' was collected from our warehouse by truck to the port of Antwerp. This operation was carried out between the 25th September and 1st October of 1998. The Steel was unloaded during the same period on quay as instructed...*

*On the 28th, 30th of September and again on 1st October, Herfurth & Co. (agents for the Shipping Line) were notified by Boschmans Thoumsin & Co. (Forwarders for our company LME) that the material (Steel Sections for Polidano) was forwarded to Antwerp in accordance with their instructions and that the FOB (Free On Board ) delivery was made against the handling over to LME of the Bill of Lading covering this shipment....*

*For reasons unknown and of no concern to Boschmans Thoumsin & Co. (or our company) the vessel on schedule to load Polidano material was delayed.*

*The steel was finally loaded on board the MV LIPA which sailed from Antwerp on October 13th 1998.*

*....When our forwarder Boschmans Thoumsin & Co. contacted Herfurth & Co. after the departure of the vessel in order to obtain the required Bills of Lading, Boschmans Thoumsin & Co. were informed that the mate's receipt was claused with the remark 'rusty' and that the goods had been loaded on deck on ship's decision No.5.*

*Boschmans Thoumsin & Co. immediately protested against this clause which was arbitrary and did not describe the exact external condition of the goods.*

*On October14th following Boschmans Thoumsin & Co.'s protest, the master of MV LIPA notified Herfurth & Co. that he agreed to modify the remark into 'partly rust stained'....*

*The clause 'partly rust stained' for steel sections is considered normal.*

*It is customary at the Port of Antwerp, being an important steel export port, that a steel cargo when loaded on board, is carefully checked by the Captain or his reprezentative and/or P.I Clubs reprezentatives.....*

*From the above it can be ascertained that the steel shipped to Polidano Bros was delivered in perfect condition. no.7.*

*In order to obtain clean Bills of Lading, Boschmans Thoumsin & Co. remitted to Herfurth & Co. a letter of indemnity for non-quantitative clauses which do not affect the value of the merchandise. no. 8."*

**Federico Celoria,** *financial controller* prezenti tal-kumpanija L.M.E ukoll xehed izda peress li ma kienx impjegat mas-socjeta` imsemmija fiz-zmien rilevanti, din il-Qorti tqies li x-xhieda tieghu mhiex prova skont il-Ligi.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' Dritt</u>**

Illi huwa pacifiku li skont il-principji legali li jirregolaw il-kaz huma li fil-kamp marittimu u l-ligijiet li jirregolaw it-trasport tal-merkanzija minn destinazzjoni ghall-ohra jikkomprendi normalment tliet fazijiet distinti: (a) il-fazi anterjuri ghat-taghbija tal-merkanzija abbord il-vapur; (b) il-fazi relattiva ghat-trasport bil-bahar; u (c) il-fazi posterjuri ghall-hatt tal-merkanzija minn fuq il-vapur. Dawn it-tliet fazijiet huma regolati mill-***Hague Rules*** illum kodifikati fil-ligi taghna permezz tal-**Kap.140** konsistenti **fl-Att dwar il-Garr ta' Merkanzija bil-Bahar.**

Bhala principju fondamentali hu pacifikament akkolt fil-gurisprudenza l-polza tal-kariku "*rapprezenta la merce*" (**Vol. XX P III p 3**) u taghmel "*prova della caricazione*" (**Vol. VII p 366**), kif hekk *del resto* jistabbilixxi l-Artikolu 325 tal-Kodici tal-Kummerc.

Mhuwiex ikkontestat bejn il-partijiet li l-merkanzija tghabbiet fuq il-vapur LIPA.

Illi konsegwentement in kwantu prova tat-trasport permezz ta' dan id-dokument il-kaptan tal-vapur jobbliga ruhu li jikkonsenja l-merkanzija fil-port tad-destinazzjoni fl-istess kundizzjoni li tghabbiet u lil min ikollu dritt ghaliha skont it-termini ta' l-istess polza (**Vol. XLIII P III p 862**).

Il-polza hija wkoll il-prova tal-obbligazzjonijiet kontrattwali li jirregolaw il-partijiet. Bhala norma dawn il-poloz jikkontjenu t-termini u l-kondizzjonijiet li jghoddu ghall-garr partikolari. Il-polza in kwestjoni mhix

nieqsa minnhom u tevidenzja, bl-inseriment fiha ta' klawsoli specifici, il-modalitajiet regolanti t-trasport.

Kwantu ghal fazi tat-trasport proprju bil-bahar jsib applikabbilta` dak dettat fl-**Artikolu 3 tal-istess Hague Rules**, *inter alia*, li "*the carrier shall properly and carefully load, handle, stow, carry, keep, care for, and discharge the goods carried"* (subsection 2).

Il-qafas tal-principju generali hu li l-vettural, bhala depozitarju tal-merkanzija li jkun intalab igorr, huwa responsabbli li jikkonsenja l-merkanzija, bla hsara lid-destinatarju jew lil min sejjer jilqaghha f'ismu. (P.A. TM 13.6.2002 fil-kawża fl-ismijiet "***Dr. Simon Micallef Stafrace noe vs James Gollcher et"***).

Ukoll kif inghad b'awtorita' kostanti, (P.A. PS 18.2.2004 fil-kawza fl-ismijiet "***Simon Micallef Stafrace noe vs Godwin Abela et noe***" fost ohrajn), it-tiftix ghar-responsabbilta' f'kazijiet ta' *claims* dwar merkanzija tintrabat ma' zewg waqtiet fokali: l-ewwel huwa dak il-waqt meta l-merkanzija tinhatt minn fuq il-bastiment (liema operazzjoni tigi normalment riflessa fit-*tally sheet*) u t-tieni waqt huwa dak meta l-merkanzija tinheles favur l-importatur jew destinatarju tal-merkanzija (liema operazzjoni tigi normalment riflessa fil-*Gate Pass-out*). Id-dokumenti li jintaghmlu f'dawn iz-zewg waqtiet importanti generalment jitqiesu bhala decizivi u jorbtu lill-partijiet kollha fil-kawza bid-dmir li, fil-waqt attwali, jikkontrollaw u jipprecizaw l-istat ta' fatt tal-merkanzija b'mod dirett ghaliex ikunu involuti fih. (App. Kumm. 20.4.1995 fil-kawza fl-ismijiet **Gatt noe vs Sciberras noe et** (Kollez. Vol: LXXIX.ii.903).

L-imsemmija dokumenti jaghmlu prova qawwija u ta' min joqghod fuqha ta' dak li jghidu, imma hija prova *juris tantum* u mhux irribattibbli (P.A. PS 28**.**4**.**2003 fil-kawża fl-ismijiet "***John Galdes noe et vs Godwin Abela noe et*)"** li tista' titwaqqa' biss bi provi ohrajn daqstant qawwija. Ghalhekk, dawn id-dokumenti ma jistghux jitwarrbu fuq semplici kongettura, jew taht l-iskuza li jkunu saru b'ghaggla u nuqqas ta' reqqa, (App. Civ. 12. 6. 2001 fil-kawza fl-ismijiet "***Formosa & Camilleri Ltd. noe vs SeaMalta Co Ltd. et*"**) jew bi provi li jitnisslu wara z-zmien li ghalihom dawk id-dokumenti jirreferu. (App. Kumm. 20.4.1995 fil-kawza fl-ismijiet **Gatt noe vs Sciberras noe-**Kollez. Vol: LXXIX.ii.903).

Rigward l-onere tal-prova, *inoltre,* din il-Qorti kif diversament presjeduta kellha okkazzjoni li tosserva hekk:

*"Minn dan jitnissel b'egwal raguni illi l-ispedizzjonier jew ir-ricevitur iridu jfornu prova tal-kwalita`, stat u kondizzjoni tal-merkanzija meta din giet hekk stivata fil-containers. Mhux bizzejjed allura li r-ricevitur jiddemostra x'kien l-istat tal-merce fil-mument tar-recezzjoni taghha meta din ghaddiet fil-pussess tieghu izda jrid juri sodisfacentement illi dan l-istess stat ma jikkorrispondiex ghall-istat fil-mument tal-istivagg fil-containers. Dan ghaliex huwa proprju hu li jkun qed jallega u jattribwixxi htija fil-vapur u allura jehtieglu li jipprova fatti kostitwenti l-kawza tat-telf jew tad-dannu f'rapport man-negligenza attribwita minnu lill-vapur. Huwa biss meta jirnexxielu jaghmel dan illi l-piz tal-prova jisposta ruhu fuq il-vapur biex dan jiddemostra, b'konvinzjoni, illi t-telf jew dannu ma kienx dovut ghan-negligenza tieghu, anke, per ezempju, billi juri li d-dannu hu l-effett tal-vizzju fil-haga jew minhabba forza magguri jew ghal xi raguni ohra fost dawk annoverati taht Art 4 tal-Hague Rules ghall-fini ta' ezoneru mir-responsabbilta`. Stabbilita xi wahda minn dawk ir-ragunijiet l-oneru jerga` jghaddi fuq ir-ricevitur." ("**Atlas Insurance Agency Ltd. noe -v-***

***Gollcher Company Limited noe*."** - PA (PS) - dec. fit-23 ta' Gunju 2004.)

Illi f'dan il-kuntest huwa rilevanti l-insenjament fid-decizjoni fl-ismijiet **"Negte, Roberto Balbi – vs Negte Paolo Cutajar nominee"** (K. - 8 ta' Marzu 1880) fejn inghad li "*per stabilire la responsabilita` del capitano per la consegna di merci caricate, non e' lecito dare, alle condizioni della polizza di carico, un'estensione piu' larga, di quanto importi il senso e lo spirito, natural dare, alle condizioni della polizza di carico, un'estensione piu' larga, di quanto importi il senso e lo spirito, natural delle parole usatevi".*

**Applikazzjoni tal-Principji ta' Dritt ghall-Kaz in ezami**

**Il-pozizzjoni Legali tal-Intimati**

Il-Qorti ser tibda biex tindirizza l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` J.P.Baldacchino & Co. Limited (aktar 'l isfel imsejha JPB) u Valletta Freight Services Limited (aktar 'l isfel imsejha VFS) senjatament li:-

- JPB mhuwiex is-*shipper* fuq il-polza ta' kariku.
- VFS mhuwiex l-operatur, armatur jew proprjetarju tal-vapur MV LIPA.

Jirrizulta li s-socjeta` JP Baldacchino Ltd hija l-agent tad-ditta estera L.M.E. (Ara xhieda ta' Charles Polidano a fol.25 tal-process. JPB tissottometti li mhix is-*shipper* skont il-polza ta' kariku izda ma gabet l-ebda prova biex twarrab dak li hemm iddikjarat fuq il-polza, liema piz

jinkombi fuq din is-socjeta`. L-istess Charles Polidano xehed: "*Ghall-habta ta' Lulju/Awwissu 1998 il-kumpanija tieghi kienet inkarigat lis-socjeta` J.P.Baldacchino sabiex jingiebu dak li nirreferu ghalih bhala '120 bundle merchant bar tal-hadid. L-arrangamenti sabiex dawn il-bundles tal-hadid jingiebu Malta u jitwasslu lilna kienu totalment f'idejn J.P.Baldachcino Limited. Bhalma dejem gara JP Baldacchino kellha tiehu hsieb li dawn il-bundles tal-hadid jitghabbew u jitwasslu Malta. L-arrangament tal-vapur ghall-garr tal-hadid kienu totalment f'idejn J.P.Baldacchino & Co.Ltd.*"

*Illi* bhala agent tas-socjeta` L.M.E, u fil-fatt hija imharrka f'din il-kwalita` taghha "*ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera L.M.E.",* JPB hija responsabbli ghan-nuqqasijiet li javveraw fil-merkanzija mibjugha. Il-Qorti ghalhekk ser tqis li JP Baldacchino hija parti fil-kuntratt ta' trasport tal-merkanzija u f'kaz li l-hsarat huma imputabbli lil L.M.E, ghandha twiegeb ghalihom l-istess JP Baldacchino & Co. Limited.

Illi s-socjeta` intimata Valletta Freight Services eccepiet li ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Hi tistrieh fuq is-segwenti rizultanzi:-

i. Mhix imsemmija fuq il-polza ta' kariku.

ii. Il-polza giet rilaxxjata minn ditta ohra *for the master.*

iii. Dak miftiehem fil-klawsola 25 tal-polza skont liema meta l-vapur mhix proprjeta` tac-*charterer* jew *demise charterer*, hija s-socjeta` proprjetarja tal-vapur li tkun responsabbli ghad-danni.

Jirrizulta izda li VFS hija l-agent tal-proprjetarju/operatur tal-vapur LIMA, cioe` tal-Valfracht Ro Ro Line Limited (Ara xhieda ta' **Mario Tellus** ghas-socjeta` VFS a fol 131) -"*Ahna agenti ta' Valfracht RoRo Line li huma l-operaturi tal-vapur LIPA".*

*Inoltre* jirrizulta li l-istess VFS a fol.55 irceviet il-hlas tan-noll ghall-vjagg in mertu u rilaxxjat ircevuta taht isimha ghat-trasport in mertu.

Illi fid-dawl tal-premess, skont il-ġurisprudenza ma hemmx dubju illi l-azzjoni attriċi kif proposta għandha tirnexxi. Fil-kawża fl-ismijiet "***Alfred Calleja nomine et vs Carmelo Ellul Sullivan nomine et***" deċiża minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-15 ta' Diċembru 2004, l-istess Qorti qalet illi:

*"L-aġent jippromwovi l-interessi tal-mandati tiegħu; interess dawn dawn li jġorru magħhom anke doveri...."*

Illi l-aġent skont is-sentenza fl-ismijet "***David Curmi noe vs Frederick Frendo noe"*** (31 ta' Ottubru 1994) *"hu l-persuna leġittima biex jirrappreżenta lill-armatur f'azzjoni għad-danni pretiżi minn esekuzzjoni ħażina ta' obbligazzjoni assunta għat-trasport tal-merkanzija."*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet "***Ronald Demajo noe vs Adrian Mifsud nomine"*** (24 ta' April 1980) intqal illi "*B'dan il-mod l-aġent għandu impliċitament ir-rapreżentanza ġudizzjarja tal-armaturi tal-bastiment f'kawżi li jirrigwardjaw nuqqas ta' konsenja tal-merkanzija jew ħsarat fiha, peress li dawn il-materji jitwieldu mill-kuntratt tat-trasport tal-merkanzija nvoluta f' dak il-vjaġġ partikolari."*

Il-**klawsola 25** tal-polza ta' kariku tistipula testwalment:

*"If the ship is not owned or chartered by demise to the company or line by whom the Bill of Lading is issued (as may be the case notwithstanding anything that appears to the contrary) this bill of lading shall take effect only as a contract with the owner or demise charterer as the case may be, as principal made through the agency of the said Company or Line who act as agents only and shall be under no personal liability in respect thereof, including negligence."*

Il-polza hija mahruga minn *Herfurth & Co* bhala agenti tal-Kaptan "*For the Master."*

Izda fid-dawl tal-premess, u cioe`, li VFS huma l-agenti tal-vettural, din il-klawsola xorta ma tezonerax lill-istess VFS mir-responsabbilta` almenu fil-kwalita` taghha ta' agent u ghandha twiegeb ghar-responsabbilta` imputabbli lill-vettural.

**<u>Responsabbilta` ghall-Hsarat</u>**

Illi dan stabbilit, il-Qorti ser tindirizza l-imputazzjoni ta' responsabbilta` ghall-hsarat avverati. Fil-fatt ma hemmx dubju li l-merkanzija kellha l-hsara meta thattet mill-vapur. Dan il-fatt mhuwiex ikkontestat kif lanqas mhu kkontestat li l-merkanzija tghabbiet fuq il-vapur LIPA fit-13 ta' Ottubru 1998.

Illi f'dan l-istadju preliminari, il-Qorti hija wkoll soddisfatta li s-socjeta` konvenuta *The Cargo Handling Company Limited*, li hadet, fir-realta, rwol passiv sa l-ahhar f'dawn il-proceduri, m'ghandhiex titqies responsabbli ghall-hsarat fil-merkanzija. Dwar dan l-intimati l-ohra huma konkordi ghaliex iddedikaw ruhhom ghall-imputazzjoni ta' responsabbilta' kontra xulxin.

Illi l-kontendenti hadu pozizzjoni dijametrikament opposta ghal xulxin. Ir-rikorrent issottometta li r-responsabbilta` ghad-danni ghanda tinkombi fuq is-socjeta` intimata JP Baldacchino Limited. In sostenn tat-tezi tieghu jistrieh fuq ir-rapporti taz-zewg esperti, Jeffrey Scorey u l-Ing. Kenneth Abela li kkonstataw li l-hsarat li sabu fil-vireg kienu ta' tali portata li ma setax avvera fiz-zmien tal-vjagg imma kien antecedenti ghat-trasport. Is-socjeta` rikorrenti targumenta li l-konvenuti ma gabu l-ebda prova xjentifika li twaqqa' din il-konkluzjoni. Jghidu li l-istat mherri tal-vireg kif muri fir-ritratti annessi mar-rapport tekniku gie kkonfermat ukoll minn Anthony Baldacchino stess. Skont is-socjeta` attrici, dan jikkontradixxi l-fatt li l-polza hija *clean bill of lading* u tpoggi r-responsabbilta` direttament fuq JP Baldacchino Limited.

Is-socjeta` JP Baldacchino Limited tikkontesta din it-tezi billi tistrieh fuq il-fatt li anke r-rapporti teknici msemmija mhumiex konklussivi. Huwa minnu li Anthony Baldacchino identifika l-merkanzija murija fir-ritratti annessi mar-rapport tekniku esebit *ex parte* mis-socjeta` rikorrenti, izda cahad li kien hemm il-*pitting* li jwassal ghall-konkluzjoni li s-sadid jirrisali ghall-perjodu antecedenti ghat-taghbija tal-materjal.

Jirrizulta wkoll inkonsistenza manifesta fix-xhieda ta' Mario Tellus, rapprezentant tas-socjeta` *Valletta Freight Services Ltd,* li ma setax jiddeciedi jekk il-merkanzija tghabbietx fuq il-gverta (kif dikjarat fuq il-

polza) jew f'garaxx bil-maghluq. *Inoltre* Anthony Baldacchino wera (u dan a soddisfazzjoni tal-Qorti) li d-dokumenti esebiti minn Tellus bhala MT1 u MT2[3] u l-polza esebita bhala DOK MTA a fol 301 ma kellhom x'jaqsmu xejn mat-trasport in kwistjoni imma kienu jirrigwardaw merkanzija ohra u ghalhekk dak li xehed fir-rigward ta' dawn id-dokumenti, senjatament li l-merkanzija kienet imxarrba meta tghabbiet mhix applikabbli ghall-kaz odjern. Dan il-fatt ipoggi x-xhieda ta' Tellus f'dell in kwantu jista' jigi kkonsidrat li ttenta jizvija lil din il-Qorti fl-ezami taghha.

Illi l-*punto di partenza* ta' kull indagni dwar hsarat f'merkanzija waqt trasport bil-bahar ghandu jkun il-polza ta' kariku.

Illi hu pacifiku li kopja tal-polza li tirrigwarda l-merkanzija mertu tal-kawza, isservi ta' ghajnuna kbira, biex wiehed jara jekk kemm-il darba kienx hemm imnizzlin fuqha xi rimarki jew taghrif iehor dwar l-istat tal-merkanzija li tghabbiet fuq il-vapur. Ukoll, mill-polza ta' taghbija, wiehed jista' jislet taghrif dwar qsim ta' responsabbiltajiet jew ezoneri dwar il-merkanzija, minbarra xi rimarki partikolari dwar il-qaghda tal-merkanzija meta titghabba fuq il-vapur.

Il-polza relattiva ghall-kaz odjern jinsab esebit a fol. 19 bin-numru ANRVAT006. Fiha hemm indikat li:

*Description of goods: 120 Bundle(s) Merchant Bars*

*Loose and/or unprotected cardo at shipper's risk*

*Liner in/Free out*

[3] A fol 126 u 127 tal-process

*Cargo loaded on deck at shipper's risk*

*Freight collect*

*SHIPPED on Board in apparent good order and condition and as far as ascertained by reasonable means of checking, as specified above unless otherwise stated.....*

*Ix-shipper hu indikat bhala J.P.Baldaccino & Co. Ltd.*

*Shipped on board -13/10/98*

Fil-*bill of lading* li tinsab ezebita a fol. 301 tal-process (Dok MTA) hemm imnizzel is-segwenti riferibbilment ghar-responsabbilta` tal-vettural:-

"**Klawsola 8 *Deck Cargo and Stowage***

(a) *Notwithstanding anything contained in Sub-Clause(b) hereunder, in the case of live animals and cargo, which in this Bill of Lading is stated to be carried on deck, <u>and is so carried, the Carrier shall be under no liability whatsoever for loss, damage or delay howsoever and whatsoever occasioned.</u>*

(b) *......... The goods may also be stowed on deck, <u>whether in containers or not, with or without notice to the Shipper,</u> and, if they are so carried, the Hague Rules or the Hague Visby Rules whichever are applicable by Clause 1 above, shall apply*

> *notwithstanding carriage on or under deck, and the goods and/or container shall contribute to General Average, whether carried on or under deck."*

Illi l-Qorti taqbel mas-socjeta` JP Baldacchino li l-polza li tinsab ezebita minn Mario Tellus a fol. 198 tal-process u li ggib in-numru **ANRVAT010** ma tikkoncernax il-merkanzija mertu tal-kawza odjerna izda merkanzija ohra konsistenti f' "*36 package(s) being 17 bundles and 19 pieces wide flange beams."*

Illi l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li l-polza hija *clean bill of lading*. Kif gie ritenut mill-Qorti tal-Kummerc fil-kaz "***Wilfred Mamo noe. v. Salvino Sullivan et. noe. Et."*** *(dec - fl-20 ta' Gunju 1991)* "*...il-hrug ta' clean bill of lading jistabilixxi 'prima facie' l-prova li l-merkanzija imsemmija fil-polza tghabbiet f'kondizzjoni tajba u timponi l-obbligu li l-istess merkanzija tigi skarikata fl-istess kondizzjoni tajba."*

Izda li gara f'dan il-kaz kien li l-*Mate's Receipt* **(Dok FCG)** jindika d-deskrizzjoni *'rusty'* u li dan gie sussegwentement korrett mill-Kaptan fl-14 ta' Ottubru 1998 "*remarks....corrected to 'partly rust stained'."*

Il-kwalifika ta' *party rust* jikkombacja mal-annotament fuq il-*gate pass out* fuq imsemmi.

Skont ix-xhieda rapprezentanti d-ditta L.M.E. dan ma jfisser xejn gravi imma huwa kondizzjoni normali li ma twaqqax il-valur tal-merkanzija skont l-uzanzi tal-port ta' karika. Izda din il-Qorti ma tistax tistrieh fuq din ix-xhieda li mhix prova sal-grad rikjest mil-ligi dwar l-uzanza ta' port.

Illi kkonsidrat li r-rapport maghmul mill-Elmo Insurance Services Limited sar fuq talba tar-rikorrent u bhala tali, hu *ex parte*. Madanakollu ghalkemm ma jorbotx lill-Qorti, ghandu valur probatorju fid-dawl tal-provi u fatti kollha tal-kaz. Id-ditta Elmo hija ditta reputabbli f'Malta u din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tahseb, fl-assenza ta' prova ghall-kuntrarju, li r-rapport sar b'leggerezza.

Illi anzi l-istess konvenut Anthony Baldacchino kkonferma fix-xhieda tieghu li "*Il-merkanzija kienet imsadda meta rajtha" (fol.227)*. "Meta gie muri r-ritratti esebiti mis-socjeta` attrici a fol. 105 sa 107 tal-process qal li meta ra l-merkanzija kienet "*press a poco l-istess*" kif imqabbel ma dawk ir-ritratti. Huwa minnu li qal "*zgur ma telqitx f'dik il-kondizzjoni"* izda dan qalu biss "*min x'jigri s-soltu, fil-kaz partikolari jiena ma nistax nghid jekk effettivament meta telqet mill-Mill kienet f'dik il-kundizzjoni."*

Dwar dawn il-kostatazzonijiet, ir-rikorrent bir-ragun jghid li l-intimati ma gabu l-ebda prova teknika biex iwaqqghu l-konkluzjonijiet misjuba minn Kenneth Abela. Difatti ghalkemm gew esebiti ritratti tal-merkanzija mir-rapprezentant tal-L.M.E. b'turija tal-istest taghha qabel ma tghabbiet biex tingarr lejn il-port, l-ahjar prova kellha tkun *quality control certificate* mahrug fil-*port of loading* - prova li ma saritx.

Il-konvenut Anthony Baldacchino jikkontendi li r-rapport mhuwiex konklussiv. Izda l-istess rapport tal-Ing. Kenneth Abela, ghalkemm jikkoncedi li ma setax jikkonkludi jekk il-hsara kinetx dovut ghall-ilma mielah jew le, jghid "*We opine that visual examination indicates that the rust had commenced to form before the reported period of the shipment."* Difatti jghid "*Visual examination of the bars showed that they*

*were fairly heavily corroded."* Dan ir-rapport hu datat l-10 ta' Novembru 1998.

Illi dan hu wkoll konformi mal-*mate's receipt* kif korrett li sab li kien hemm xi sadid meta tghabba fuq il-vapur. B'din il-korrezzjoni, il-Kaptan illimita ruhu ghall-kostatazzjoni ta' stat ta' *partly rust stained.* Wiehed jifhem li l-Kaptan ma kienx jikkoregi l-*mate's receipt* li kieku sab li l-merkanzija kienet fi stat avvanzata ta' sadid jew therrija. Ghalhekk il-Qorti tqis li meta ghamel din il-korrezzjoni, ikkonstata stat ta' fatt li ghandha toqghod fuqu.

Illi madanakollu, grad ta' hsara "*partly rust stained*" mhix ekwivalenti ghall-grad ta' hsara li giet ikkonstatata mill-Elmo Insurance Services Limited u ragjonevolment ghandu jirrizulta li l-hsarat zdiedu tul il-vjagg billi l-merkanzija tpoggiet fuq il-gverta kif jirrizulta mill-istess polza.

**<u>Klawsoli Rilevanti fil-Polza li jirrigwardaw r-responsabbilta' tal-vettural.</u>**

Illi kif kellha okkazjoni li tinnota, il-polza giet rilaxxjata bis-segwenti annotamenti:

*Loose and/or unprotected cargo at shipper's risk*

*Cargo loaded on deck at shipper's risk.*

Illi ghandu jigi osservat li kemm id-duttrina u kemm il-Qrati dwar klawsoli ta’ ezoneru f’poloz ta’ kariku jidhru li jillimitaw sew is-siwi taghhom.

Hawnhekk, ta' min jghid ukoll li wiehed ma jistax ma joqghodx fuq dak li jipprovdu l-Hague – Visby Rules, kif inkorporati fis-sistema legali taghna. Fl-imsemmija *rules*, jezistu dispozizzjonijiet li jghidu li mhux dak kollu li jitnizzel f'polza ta' kariku jitqis li jiswa, specjalment klawsoli ta' ezoneru li m'ghandhomx x'jaqsmu ma' nuqqas ta' responsabbilta`.

Skont l-awtur **Ridley J.** f' **The Laws of the Carriage of Goods by hand, Sea & Air** (5th edition) pag.171 sostna li:

*"So long as a bill of lading came under the Rules,….All such clauses evading responsibility were null and void under the rules, and the Courts wouldn't uphold them."*

Dwar l-istivar ta' merkanzija fuq il-gverta, l-istess awtur jghid:

"*The deck is not a part of the ship normally used for stowage and cargo carried on deck is not only more liable to suffer damage but is not covered by the law as to general average. The carrier is therefore not entitled to stow goods on deck unless he has agreed to do so with the shipper in the contract of affreightment, or where, owing to the existence of a custom or otherwise, the shipper has impliedly consented to the goods being carried as deck cargo"*[4]*..."If from the nature of the goods it is impracticable to store them elsewhere than on deck, the goods may be stored on deck."* Tant mhix awtomatika l-ezenzjoni minn responsabbilta` li l-istess awtur jghid "*Where the shipper or his agent has seen the goods being stored on deck, and has offered no objection, it is doubtful whether it is an implied term of the contract that the goods may be carried as deck cargo."*

[4] Op.cit. page 126 fejn jiccita "*Royal Exchange Shipping Company v Dixon."*

Ta' min jghid li l-Qrati taghna wkoll kemm-il darba sostnew li klawsoli bhal dawn ma jistghux jithallew ikollhom sahha biex jaghtu lil min intrabat b'obbligazzjoni okkazjoni biex jehles minn dik ir-rabta. (**Borg noe. vs Cini et,** Appell Kummercjali, 1 ta' Marzu 1969, u **Fruitland Co. Ltd. vs W.J. Parnis England Ltd. et noe** deciza mill-Prim'Awla Qorti Civili fil-25 ta' Settembru 2003).

Illi dwar l-istivar tal-merkanzija in kwistjoni, ir-rapprezentant ta' VFS, Mario Tellus ta xhieda ghal kollox konfuzjonarja u konfliggenti fejn fl-istess nifs qal li l-merkanzija giet stivata fuq il-gverta, imbaghad afferma li kienet f'garaxx bil-maghluq.

Illi kemm Anthony Baldacchino, kif ukoll Daniel Bury ghan-nom ta' L.M.E. irrifjutaw kategorikament li awtorizzaw l-istivar fuq il-gverta. Difatti jirrizulta mill-affidavit ta' Bury, mhux ikkontrastata li "*the goods had been loaded on deck on ship's decision".*

Illi ma ingabitx prova da parti tal-vettural kif rapprezentat mis-socjeta` VFS li din id-decizjoni kienet necessarja jew dovuta ghal xi uzanza - liema *onere* jinkombi fuq il-vettural u mhux fuq ix-*shippper* jew fuq l-importatur/konsenjatarju.

Illi ghalhekk il-Qorti ma taqbilx li VFS jista' jigi esonerat minn responsabbilta` billi jinvoka l-klawsola imsemmija.

Riferibbilment ghall-annotament *loose and unprotected cargo at shipper's risk* din ma tapplikax ghaliex il-merkanzija ma intilfitx tul il-vjagg. *Inoltre*, jekk ma kenitx protetta, dan kien dovut ghad-decizjoni tal-Kaptan li jistiva l-merkanzija fuq il-gverta - liema decizjoni ma tezumihx minn responsabbilta` fin-nuqqas ta' prova ta' bzonn.

Il-Qrati taghna gieli llimitaw l-effetti ta' klawsola ta' ezoneru, izda mhux ta' klawsola ta' limitazzjoni ta' danni. Hekk fil-kaz "***Atlas Insurance Agency Ltd. vs Advanced Shipping Ltd***" deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-7 ta' Lulju 2003, intqal li, *"Id-dottrina in materja turi li mhux il-klawsoli kollha ta' ezoneru huma leciti, u ma jistghu qatt ikunu leciti sal-punt li bihom ikun hemm dak li tissejjah "assicurazione delle colpe proprie"* (ara wkoll "**Camilleri et vs Mifsud et**, deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-8 ta' Marzu 1957, u "**Woods noe vs Curmi noe**" deciza minn din il-Qorti fis-27 ta' Gunju 2003).

Illi ghar-ragunijiet premessi, il-Qorti ser tikkonkludi billi tiddikjara li l-intimati Valletta Freight Services Limited u J.P. Baldacchino & Co. Limited *nomine* fil-kwalita` premessa tieghu bhala responsabbli f'ishma indaqs ghad-danni li sehhew fil-merkanzija riferibbilment ghall-konsenja u trasport mertu ta' din il-kawza u dan f'isimha indaqs bejniethom.

**<u>Danni</u>**

Id-danni subiti jirrizultaw mhux ikkontestati mix-xhieda ta' Charles Polidano u jikkonsistu fis-segwenti:-

**<u>Damnum Emergens</u>**

i. Il-valur tal-hadid kien ta’ hames mija u sitt elef u tliet mija u wiehed Franc Franciz u cioe` FFR 506,301.00 (fatturi Dok CP1 sa CP12) li huma ekwivalenti ghal 80, €189.03[5];

ii. Ammont imhallas lill-Cargo Handling Co. Limited[6], €1,713.42;

iii. Prezz imhallas ghan-noll lil *Valletta Freight Services Limited* 17, €784.53[7];

iv. Trasport - imhallas lil Curmi Brothers[8] €1,100.63

**Total ta' €100,787.61**

**Lucrum Cessans**

Is-socjeta` rikorrenti qed titlob ukoll bhala *lucrum cessans* ammont ekwivalenti ghal 30% *mark up* fuq il-prezz tal-merkanzija ekwivalenti ghal **€30,236.17.**

[5] **DOK CP13**
[6] **DOK CP14**
[7] **DOK CP15**
[8] **DOK CP16**

Dan il-*profit margin* gie kkorroborat mill-*financial controller* tad-ditta attrici, **Boris Farrugia** u mhux kontradetta mill-intimati.

Illi s-socjeta` Valletta Freight Services Limited ma invokatx il-limitazzjoni ta' responsabbilta` bhala difiza.

Ghaldaqstant il-Qorti tikkonsidra li l-ammont mitlub *in linea* ta' danni huwa ippruvat fl-assenza ta' kontestazzjoni mill-intimati u tillikwida l-istess fl-ammont komplessiv ta' **€131,023.78.**

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tilqa'** l-eccezzjonijiet tas-socjeta` intimata *The Cargo Handling Company Limited,* **Tichad** l-eccezzjonijiet tas-socjeta` J.P. Baldacchino & Co. Limited fil-kwalita' premessa taghha u tas-socjeta` Valletta Freight Services Limited bhala infondati fil-fatt u fid-dritt, u tiddisponi mit-talbiet attrici billi:

1. **Tilqa' l-ewwel talba attrici** u tiddikjara lill-konvenuti J.P. Baldacchino & Co. Limited noe u Valletta Freight Services Limited responsabbli ghall-hsarat u danni sofferti mis-socjeta` attrici f'ishma indaqs bejniethom.

2. **Tilqa' it-tieni talba attrici** u tillikwida d-danni hekk sofferti mis-socjeta` attrici fl-ammont ta' mija u wiehed u tletin elf, u tlieta u ghoxrin ewro u tmienja u sebghin centezmu (**€131,023.78).**

3. **Tilqa' it-tielet talba attrici** u tikkundanna lill-konvenuti J.P. Baldacchino & Co. Limited noe u Valletta Freight Services Limited biex ihallsu lill-attur *nomine* l-ammont hekk likwidat bhala dovut *in linea* ta' danni fi kwoti ta' nofs (1/2) kull wiehed u dan bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-hlas effettiv.

L-ispejjez jigu sopportati mill-intimati J. P. Baldacchino & Co. Limited noe u Valletta Freight Services Limited nofs bin-nofs bejniethom.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------